# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1141

**tat-13 ta' Lulju 2016**

**li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 jipprevedi li l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni ("il-lista tal-Unjoni") għandha tiġi adottata abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tiegħu u trid tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(6), li jistipula li l-kostijiet tal-implimentazzjoni, il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni, il-kosteffettività u l-aspetti soċjoekonomiċi għandhom jingħataw konsiderazzjoni xierqa.

(2) Abbażi tal-evidenza xjentifika li teżisti u abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament huma ssodisfati fl-każ tal-ispeċijiet aljeni invażivi li ġejjin: *Baccharis halimifolia* L, *Cabomba caroliniana* Gray, *Callosciurus erythraeus* Pallas, 1779, *Corvus splendens* Viellot, 1817, *Eichhornia crassipes* (Martius) Solms, *Eriocheir sinensis* H. Milne Edwards, 1854, *Heracleum persicum* Fischer, *Heracleum sosnowskyi* Mandenova, *Herpestes javanicus* É. Geoffroy Saint-Hilaire, 1818, *Hydrocotyle ranunculoides* L. f., *Lagarosiphon major* (Ridley) Moss, *Lithobates (Rana) catesbeianus* Shaw, 1802, *Ludwigia grandiflora* (Michx.) Greuter & Burdet, *Ludwigia peploides* (Kunth) P.H. Raven, *Lysichiton americanus* Hultén and St. John, *Muntiacus reevesi* Ogilby, 1839, *Myocastor coypus* Molina, 1782, *Myriophyllum aquaticum* (Vell.) Verdc., *Nasua nasua* Linnaeus, 1766, *Orconectes limosus* Rafinesque, 1817, *Orconectes virilis* Hagen, 1870, *Oxyura jamaicensis* Gmelin, 1789, *Pacifastacus leniusculus* Dana, 1852, *Parthenium hysterophorus* L., *Perccottus glenii* Dybowski, 1877, *Persicaria perfoliata* (L.) H. Gross (*Polygonum perfoliatum* L.), *Procambarus clarkii* Girard, 1852, *Procambarus fallax* (Hagen, 1870) f. *virginalis*, *Procyon lotor* Linnaeus, 1758, *Pseudorasbora parva* Temminck & Schlegel, 1846, *Pueraria montana* (Lour.) Merr. *var. lobata* (Willd.) (*Pueraria lobata* (Willd.) Ohwi), *Sciurus carolinensis* Gmelin, 1788, *Sciurus niger* Linnaeus, 1758, *Tamias sibiricus* Laxmann, 1769, *Threskiornis aethiopicus* Latham, 1790, *Trachemys scripta* Schoepff, 1792, *Vespa velutina nigrithorax* de Buysson, 1905.

(3) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li dawk l-ispeċijiet aljeni invażivi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. B'mod partikolari, xi whud minn dawn l-ispeċijiet huma diġà stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni jew saħansitra mifruxa sew f'ċerti Stati Membri u jista' jkun hemm każijiet fejn mhuwiex possibbli li speċijiet ta' dan it-tip jinqerdu b'mod kosteffettiv. Madankollu, ikun f'loku li dawk l-ispeċijiet jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni, peress li hemm miżuri kosteffettivi oħrajn li jistgħu jiġu implimentati: biex ma jkunx hemm introduzzjonijiet ġodda jew aktar tixrid fit-territorju tal-Unjoni; biex tiġi promossa kemm l-iskoperta minn kmieni kif ukoll il-qerda rapida ta' speċijiet li għadhom mhumiex preżenti jew li għadhom ma nfirxux sew; u biex jiġu ġestiti, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri kkonċernati, inkluż permezz tas-sajd, tal-kaċċa u tal-insib, jew bi kwalunkwe tip ieħor ta' qbid għall-konsum jew għall-esportazzjoni, sakemm dawn l-attivitajiet jitwettqu fil-kuntest ta' programm ta' ġestjoni nazzjonali.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispeċi Aljeni Invażivi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tkun magħmula mil-lista inizjali tal-ispeċi aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**LISTA TA' SPEĊIJIET ALJENI INVAŻIVI LI HUMA TA' TĦASSIB GĦALL-UNJONI**

| Speċi | Kodiċijiet NM għall-eżemplari ħajjin | Kodiċijiet NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu | Kategoriji ta' oġġetti assoċjati |
|---|---|---|---|
| (i) | (ii) | (iii) | (iv) |
| *Baccharis halimifolia* L. | ex 0602 90 49 | ex 0602 90 45 (biċċiet bl-għeruq u pjanti żgħar)<br>ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Cabomba caroliniana* Gray | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Callosciurus erythraeus* Pallas, 1779 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Corvus splendens* Viellot, 1817 | ex 0106 39 80 | ex 0407 19 90 (bajd iffertilizzat għall-inkubazzjoni) | |
| *Eichhornia crassipes* (Martius) Solms | ex 0602 90 50 | ex 1209 30 00 (żrieragħ) | |
| *Eriocheir sinensis* H. Milne Edwards, 1854 | ex 0306 24 80 | — | |
| *Heracleum persicum* Fischer | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (6) |
| *Heracleum sosnowskyi* Mandenova | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Herpestes javanicus* É. Geoffroy Saint-Hilaire, 1818 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Hydrocotyle ranunculoides* L. f. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Lagarosiphon major* (Ridley) Moss | ex 0602 90 50 | — | |
| *Lithobates (Rana) catesbeianus* Shaw, 1802 | ex 0106 90 00 | — | |
| *Ludwigia grandiflora* (Michx.) Greuter & Burdet | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Ludwigia peploides* (Kunth) P.H. Raven | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Lysichiton americanus* Hultén and St. John | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Muntiacus reevesi* Ogilby, 1839 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Myocastor coypus* Molina, 1782 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Myriophyllum aquaticum* (Vell.) Verdc. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Nasua nasua* Linnaeus, 1766 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Orconectes limosus* Rafinesque, 1817 | ex 0306 29 10 | — | |
| *Orconectes virilis* Hagen, 1870 | ex 0306 29 10 | — | |

| (i) | (ii) | (iii) | (iv) |
|---|---|---|---|
| *Oxyura jamaicensis* Gmelin, 1789 | ex 0106 39 80 | ex 0407 19 90 (bajd iffertilizzat għall-inkubazzjoni) | |
| *Pacifastacus leniusculus* Dana, 1852 | ex 0306 29 10 | — | |
| *Parthenium hysterophorus* L. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (5), (7) |
| *Perccottus glenii* Dybowski, 1877 | ex 0301 99 18 | ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis) | (1), (2), (3), (4) |
| *Persicaria perfoliata* (L.) H. Gross<br>(*Polygonum perfoliatum* L.) | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (5), (11) |
| *Procambarus clarkii* Girard, 1852 | ex 0306 29 10 | — | |
| *Procambarus fallax* (Hagen, 1870) f. *virginalis* | ex 0306 29 10 | — | |
| *Procyon lotor* Linnaeus, 1758 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Pseudorasbora parva* Temminck & Schlegel, 1846 | ex 0301 99 18 | ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis) | (1), (2), (3), (4) |
| *Pueraria montana* (Lour.) Merr. *var. lobata* (Willd.)<br>(*Pueraria lobata* (Willd.) Ohwi) | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Sciurus carolinensis* Gmelin, 1788 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Sciurus niger* Linnaeus, 1758 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Tamias sibiricus* Laxmann, 1769 | ex 0106 19 00 | — | |
| *Threskiornis aethiopicus* Latham, 1790 | ex 0106 39 80 | ex 0407 19 90 (bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni) | |
| *Trachemys scripta* Schoepff, 1792 | ex 0106 20 00 | — | |
| *Vespa velutina nigrithorax* de Buysson, 1905 | ex 0106 49 00 | — | (8), (9), (10) |

*Noti mat-tabella:*

Kolonna (i): Speċi

Din il-kolonna tindika l-isem xjentifiku tal-ispeċi. Is-sinonimi huma inklużi fil-parenteżi.

Kolonna (ii): Kodiċi NM għall-eżemplari ħajjin.

Din il-kolonna tindika l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għall-eżemplari ħajjin. Il-prodotti kklassifikati bil-kodiċi tan-NM f'din il-kolonna għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

In-NM, stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija (HS) abbozzata mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li issa huwa magħruf bħala l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), u adottata mill-Konvenzjoni Internazzjonali konkluża fi Brussell, fl-14 ta' Ġunju 1983, u approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ([1]) ("il-Konvenzjoni HS"). In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi tal-HS sa sitt figuri, u s-seba' u t-tmien ċifra qegħdin hemm biss biex joħolqu subintestaturi oħra li huma speċifiċi għaliha.

Jekk ikun hemm bżonn li jiġu ttestjati biss dawk il-prodotti li għandhom kodiċi b'erbgħa, b'sitta jew bi tmien figuri u li ma jkollhomx subdiviżjoni speċifika fin-Nomenklatura Maqgħuda, il-kodiċi jiġi mmarkat bħala ex (pereżempju, ex 0106 49 00, minħabba li l-kodiċi NM 0106 49 00 jinkludi l-insetti l-oħra kollha u mhux biss l-ispeċi ta' insetti li jidhru fit-tabella).

Kolonna (iii): Kodiċi NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu

Din il-kolonna tindika, fejn rilevanti, il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għall-partijiet tal-ispeċi li jistgħu jirriproduċu. Ara wkoll in-nota tal-kolonna (ii). Il-prodotti kklassifikati bil-kodiċi tan-NM f'din il-kolonna għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Kolonna (iv): Kategoriji ta' oġġetti assoċjati

Din il-kolonna tindika, fejn rilevanti, il-kodiċijiet tan-NM tal-prodotti li magħhom jiġu assoċjati, ġeneralment, l-ispeċijiet aljeni invażivi. Il-prodotti kklassifikati bil-kodiċi tan-NM f'din il-kolonna ma jkunux soġġetti għal kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. Ara wkoll in-nota tal-kolonna (ii). B'mod partikolari, in-numri msemmija fil-kolonna (iv) jirreferu għall-kodiċijiet tan-NM hawn taħt:

(1) 0301 11 00: Ħut ornamentali tal-ilma ħelu.

(2) 0301 93 00: Karpjun (*Cyprinus carpio, Carassius carassius, Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*).

(3) 0301 99 11: Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou u Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*).

(4) 0301 99 18: Ħut ieħor tal-ilma ħelu.

(5) ex 0602: Pjanti għat-tħawwil b'materjali għat-tkabbir

(6) 1211 90 86: Pjanti oħra u partijiet tagħhom (inklużi żerriegħa u frott), tat-tip li jintużaw l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal għanijiet ta' insettiċidi, fungiċidi jew simili, friski jew imnixxfa, kemm jekk maqtugħin jew le, misħuqin jew f'forma ta' trab

(7) ex 2530 90 00 Ħamrija u materjali għat-tkabbir.

(8) 4401: Ħatab, f'forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatgħet ta' għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew frak; serratura u skart u fdal ta' injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, briquettes, gerbub jew forom simili.

(9) 4403: Injam għadu aħrax, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew magħmul kwadru raff.

(10) ex 6914 90 00: Qsari taċ-ċeramika għall-ġardinaġġ.

(11) ex Kapitolu 10: Żerriegħa taċ-ċereali għaż-żrigħ.

([1]) ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1.